32005D0066

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Jannar 2005

li tirrevoka id-Deċiżjoni 2003/363/KE li tapprova l-pjan biex jinqered id-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer ferali f'ċertu żoni tal-Belġju

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 144)

(It-testijiet Franċiżi u Olandiżi biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/66/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 (1) tagħha,

Billi:

(1) F'Novembru 2002 id-deni tal-ħnieżer klassiku ġie ikkonfermat fil-popolazzjoni tal-ħnieżer ferali fil-Belġju.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/363/KE [2], il-Kummissjoni approvat il-pjan ppreżentat mill-Belġju għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-popolazzjoni tal-ħnieżer ferali f'ċerti żoni fil-Belġju.

(3) Il-Belġju tat informazzjoni li tindika li d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-popolazzjoni tal-ħnieżer ferali ġie meqrud fil-Belġju u li mhemmx għalfejn jiġi iktar applikat il-pjan approvat tal-qerda.

(4) Għalhekk huwa xieraq li d-Deċiżjoni 2003/363/KE tkun irrevokata.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/363/KE hija revokata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Belġju.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni
Is-Sur Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 316, ta' l-1.12.2001, p. 5. Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 124, ta' l-20.5.2003, p. 43.